MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 1015/2007

**Fl-atti tac-Citazzjoni numru 895/2007 RCP wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 1255/2007 mahrug fis-27 ta' Awissu 2007 fl-ismijiet: -**

**Dr. Josette Grech (18679G) bhala mandatarja specjali ta' l-assenti Mohamed Mossa Othman u martu Amira Hamed Elzayani bhala werrieta tal-mejjet binhom Marwan Mohamed Mossa Abdelaati.**

**vs**

**(i) Int Med Plastering Limited (C 36579).**

**(ii) Mediterranean Building Finishes Limited (C 13077)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tas-socjeta` intimata Int-Med Plastering Limited (C 36579) u Mediterranean Building Finishes Limited (C 13077), u mahluf minn Kevin Camilleri, (karta ta' l-identita` numru 19359(M)), in rapprezentanza taz-zewg socjetajiet intimati, datat l-1 ta' Ottubru 2007 a fol. 1 tal-process fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

a. Illi l-esponenti umilment jirrilevaw l-illegittimita` tar-rikorrenti fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru hawn fuq citat, u senjatament ta' Dr. Josette Grech bhala mandatarja specjali ta' l-assenti Amira Hamed Elzayami, *stante* illi *in linea* mal-principju legali illi *delegatus non potest delegare* l-imsemmija Dr. Josette Grech ma hijiex debitament awtorizzata sabiex tipprocedi b'dan il-Mandat ghan-nom u fl-interess ta' l-imsemmija assenti. L-esponenti umilment jirritjenu ghalhekk illi l-imsemmi Mandat ma ghandux jibqa' fis-sehh, certament ghal dak li jirrigwarda l-pretensjoni ta' l-imsemmija assenti Amira Hamed Elzayani.

b. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` Int Med Plastering Limited ma hijiex il-legittima kontradittrici ghall-pretensjonijiet rikorrenti, *stante* li l-istess kumpanija qatt ma kellha relazzjoni guridika mad-*decujus* illi kien gie ngaggajt sabiex jahdem unikament mas-socjeta` ntimata Mediterranean Building Finishes Limited. Effettivament is-socjeta` Int Med Plastering Limited (C 36579) hija l-kuntrattur principali fuq dan il-kuntratt, izda x-xoghol kollu kien qieghed jigi ezegwit unikament minn sub-kuntrattaturi, fosthom is-socjeta` Meditterranean Building Finishes Limited (C 13077) illi kienet hi li qabbdet lid-*decujus* sabiex jahdem fuq il-lant tax-xoghol. L-esponenti jirrilevaw illi l-haddiema kollha illi hadmu, u ghadhom qeghdin jahdmu, fuq il-lant in kwistjoni huma kollha impjegati tas-socjeta` Meditterranean Building Finishes Limited (C 13077), ossija ingaggjati minnha, filwaqt illi s-socjeta` Int Med Plastering Limited (C 36579) qatt ma kellha mpjegati ossija haddiema mqabbda minnha fuq dan il-kuntratt billi, kif gia` nghad, ix-xoghol kollu gie sub-kuntrattat.

Ghar-ragunijiet premessi hija l-umli opinjoni tas-socjeta` esponenti illi wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-

mandat in ezami ma jezistix, *oltre* li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli illi jinzamm fis-sehh il-mandat kawtelatorju ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi, certament fil-konfront tas-socjeta` Int Med Plastering Limited, illi qieghda tbati pregudizzji kbar minhabba dan il-mandat.

Ghalhekk l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1. Tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-numru 1255/2007 *ai termini* ta' l-**artikolu 836(1) (b)** ghar-raguni mfissra fil-paragrafu "A" ta' dan ir-rikors: u fin-nuqqas:

2. Tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1255/2007, *in parte*, *ai termini* ta' l-**artikolu 836(1) (f)** billi tirrevoka l-istess mandat fil-konfront tas-socjeta` Int Med Plastering Limited, ghar-raguni mfissra fil-paragrafu "B" ta' dan ir-rikors.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-digriet moghti fit-3 ta' Ottubru 2007 fejn il-Qorti qabel xejn ordnat lir-rikorrenti biex jesebixxu kopja legali ta' l-istess mandat ta' sekwestru. Ordnat in-notifika lill-kontro-parti li permezz ta' nota fi zmien erbat ijiem (4) min-notifika ta' l-istess ghandhom jaghtu r-ragunjiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu; u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2007.

Rat in-nota ta' Ind-Med Plastering Ltd et datata 10 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha esebiet kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1255/2007 (Dok "IM 1").

Rat in-nota ta' Dr. Josette Grech *nomine* datata 11 ta' Otturbu 2007 li bija opponiet ghar-rikors ipprezentat fl-1 ta' Ottubru 2007 quddiem din l-Onorabbli Qorti minn Int Med Plastering Limited u Mediterranean Building Finishes Limited ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 1255/07 fejn gie sottomess:-

Illi r-rikors tas-socjetajiet rikorrenti sabiex jigi revokat il-mandat ta’ sekwestru 1255/07 huwa bazat fuq l-**artikolu 836 (1) (b) u (f) tal-Kapitolu 12** u l-argumenti biex isostnuh huma essenzjalment tnejn u cjoe’:-

(a) L-illegittimita’ tar-rikorrenti fl-atti tal-mandat fuq citat; u
(b) Int Med Plastering Limited mhijiex il-legittima kontraditricci ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Illi l-esponenti *nomine* qed topponi ghat-talba tas-socjetajiet rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi l-ewwel aggravju tas-socjetajiet rikorrenti rigwardanti l-illegittimita’ tal-esponenti ma jinkwadrax ruhu **fl-artikolu 836 (1) (b) tal-Kapitolu 12** li jirrigwarda istanzi ta’ fejn *“wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha tezisti”.* Fil-fatt dana l-artikolu jikkontradixxi l-istess argument tas-socjetajiet rikorrenti in kwantu l-kliem tal-istess disposizzjoni tindika li fil-mument tal-hrug tal-att kawtelatorju l-htigijiet tal-ligi kienu jezistu u issa m’ghadhomx, mentri dak li qed jikkontendu s-socjetajiet rikorrenti huwa l-illegittimita` tal-esponenti li kienet tezisti sa mill-bidu nett u cjoe’ mill-hrug tal-att kawtelatorju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, ma jirrizultax gustifikat l-argument tas-socjetajiet rikorrenti dwar l-illegitimita’ tal-esponenti fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru in kwantu l-mandat gie moghti lir-rikorrenti kemm minn Mohamed Mossa Othman kif ukoll minn martu Amina Hamed Elzayani bhala werrieta tal-mejjet binhom Marwan Mohamed Mossa Abdelaati. Fil-fatt u kif ghandu jirrizulta mill-annessi prokuri Mohamed Mossa Othman ta prokura specifika kemm f’ismu personali u kif ukoll ghan-nom ta’ martu Amina Hamed Elzayani lill-esponenti (Dok. “A”) u dan wara li gie hekk awtorizzat espressament minn martu Amina Hamed Elzayani li jghaddi l-mandat tieghu lil haddiehor, liema fakolta’ tirrizulta mill-prokura hawn annessa (Dokument “B”) u specifikatament mill-kliem *“he has the right to authorise third party in all or some of what mentioned above”.*

*Inoltre,* l-istess Amina Hamed Elzayani ghamlet prokura specjali wkoll f'isimha personali fejn hija appuntat lir-rikorrenti bhala mandatarju specjali taghha (Dokument "C").

3. Illi ghaldaqstant l-ewwel aggravju tas-socjetajiet rikorrenti m'ghandux jintlaqa' peress li huwa infondat.

4. Illi ghar-rigward tal-kontenzjoni tas-socjeta' rikorrenti Mediterranean Building Finishes Limited li mhijiex il-legittima kontradittrici *stante* li ma kellhiex relazzjoni giuridika mal-mejjet, jigi rilevat preliminarjament illi fil-kawza fl-ismijiet premessi intalab li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, illum rikorrenti, "jew min minnhom" responsabbli ghad-danni li garrbu l-esponenti noe b'rizultat tal-mewt ta' binhom l-awtur taghhom u ghaldaqstant huma z-zewg socjetajiet rikorrenti li gew imharrka sabiex iwiegbu ghad-danni rizultat tal-mewt tad-*decuius;*

5. Illi kwantu ghall-allegazzjoni tas-socjeta' intimata Int Med Plastering Limited li ma kellhiex relazzjoni giuridika mad-*decuius* jigi rilevat li din mhijiex allegazzjoni korretta u fil-fatt hemm numru ta' fatturi li jikkontradixxu dak li issa qed jghidu s-socjetajiet intimati fir-rikors taghhom u kkonfermati bil-gurament mir-rappresentant taghhom Kevin Camilleri. Infatti x-xhieda migbura waqt l-inkjesta magisterjali minn A.I.C. Richard Aquilina, espert perit nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Antonio Mizzi, juri bic-car li dan mhuwiex minnu:

(a) L-istess Kevin Camilleri fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' rikorrenti Int Med Plastering ikkonferma bil-gurament tieghu fid-9 ta' Jannar 2007 quddiem l-espert A.I.C. Richard Aquilina li d-*decuius* "kien ilu gimghatejn bi prova maghna. Kull min ikun ser jahdem go Tigne' jkollu "pass' u ta' Marwan kienet inharget fl-4 ta' Dicembru. Hu kien gie maghna bhala fattiga, fuq xoghol generali.....Il-haddiema taghna huma assigurati mal-Middlesea".

(b) Infatti l-polza mahruga mal-Middlesea kienet inharget fuq Int Med Plastering Limited;

(c) *Inoltre* l-pass li nhareg lilu *ossia* l-*Identity Card* Numru 77450394 (li tinstab esebita fl-atti tal-inkjesta magisterjali) kienet inharget direttament minn Int Med Plastering Limited f'isem id-*decuius*;

(d) Ghar-rigward tad-dokument esebit mar-rikors u mahrug mill-*Employment and Training Corporation*, dan jirriggwarda impjegati tas-socjeta' Mediterranean Building Finishes Limited fl-10 ta' Settembru 2007 u ghaldaqstant ma jistax issahhah *o meno* l-argument tas-socjeta' rikorrenti Mediterranean Building Finishes Ltd dwar jekk id-*decuius* kienx impjegat ta' Int Med Plastering Limited jew ta' Mediterranean Building Finishes Ltd fil-mument tal-incident fit-18 ta' Dicembru 2006.

(iii) Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq indikati l-esponenti ma jistghux jifhmu kif is-socjetajiet rikorrenti qeghdin isostnu illi l-mandat mhux gustifikat *prima facie.*

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi t-talba tar-rikorrenti tigi michuda bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fil-11 ta' Otturbu 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Norval Desira ghar-rikorrenti u Dr. Josette Grech ghall-intimati. Xehed bil-gurament Kevin Camilleri. Id-difensuri trattaw ir-rikors. Il-kawza giet differita ghall-provediment finali ghad-29 ta' Novembru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa rikors sabiex jigi revokat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 1255/07 fl-ismijiet "Dr. Josette Grech nomine vs Int Med Plastering Limited et" (Dok. "IM") u dan fl-ammont ta' Lm88,200.00,0

(€205,450.73) rappresentanti danni allegatament sofferti mir-rikorrenti Mohamed Mossa Othman u martu Amira Hame Elzayani bhala eredi ta' binhom Marwan Mohamed Mossa Abdelati li miet fit-18 ta' Dicembru 2006 ghal liema incident is-socjetajiet intimati fl-istess Mandat kienu unikament responsabbli u li l-esponenti *nomine* iddeduciet il-pretensjoni taghha permezz ta' rikors guramentat ipprezentat kontestwalment mal-mandat.

Illi din hija procedura skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 tal-Kap 12** u ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti mhijiex tenuta taghmel stharrig fid-dettal u approfondit tal-kwistjoni divergenti li hemm bejn il-partijiet fil-kawza. Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 **"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co Ltd").**

Illi ghandu jinghad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi proceduri bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwisiti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: **"Paul Hili *et* vs Dr. Joselle Farrugia *nomine et*"**).

Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni giudizzjarja ma ghandux jigi mxxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. (**"Vincent Mercieca vs George Galea"** – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited"** – P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Illi tenut kont ta' dan premess jirrizulta li s-socjetajiet rikorrenti odjerni qed jghidu li l-istess mandat ghandhu jigi revokat abbazi ta' l-**artikolu 836 (1) (b)** ghar-raguni *"li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma ghadhiex aktar tezisti"* u dan ghaliex qed isostnu li Dr. Josette Grech ma kenitx awtorizzata biex tidher ghall-omm id-*decuius*, ghaliex kull ma kien hemm kienet prokura minn omm il-mejjet lil zewgha u allura l-istess zewgha ma setghax jiddeliga lill-avukatessa indikata bhala mandatarja ta' martu *in virtu`* tal-principju *delegatus non potest delegare.*

Illi fl-ewwel lok jirrizulta li mill-prokura esebita bhala Dok. "B" mar-risposta ta' l-intimata jirrizulta li l-istess Amina M. Hamed Elzayani kienet inkarigat lil zewgha bhala mandatatarju taghha sabiex jidher f'isimha in konnessjoni mad-drittijiet taghha konsegwenti ghall-mewt ta' binha Marwan Mohamed Mossa, izda wkoll tat il-fakolta lill istess zewgha specifikatament li jista' *"authorise third party in all or some of what mentioned above". In virtu`* ta' dan kienet saret prokura ohra esebita bhala Dok. "A" fejn l-istess Mohamed Mossa Othman appunta lill-Avukat Dr. Josette Grech bhala mandatarja tieghu u ta' martu f'din il-kawza (Dok. "B") u din hija ghal kollox permessibbli anke a bazi ta' l-**artikolu 1876 (1) tal-Kap 16.** Dan apparti l-fatt li jidher li hemm prokura Dok. "C" moghtija mill-istess omm id-*decuius* favur Dr. Josette Grech. Fuq din il-bazi l-ewwel aggravju tas-socjetajiet rikorrenti qed jigi michud. Mhux hekk biss izda jirrizulta wkoll mill-ligi li tali mandat jista' jkun kemm in iskritt jew bil-fomm (**artikolu 1857 tal-Kap 16**).

Illi mhux hekk biss izda kif tajjeb gie indikat mill-intimata *nomine* l-**artikolu 836 (1) (b)** jirreferi ghal xi haga li kienet tezisti fi zmien li kien inhareg il-mandat u li llum ma ghaddiex tezisti – peress li dak li qed jallegaw l-istess rikorrenti huwa li kien hemm xi haga nieqsa anke meta inhareg il-mandat in kwistjoni – jirrizulta ghalhekk li din id-disposizzjoni lanqas tapplika ghal dak allegat mis-socjetajiet rikorrenti f'paragrafu (a) tar-rikors taghhom u ghalhekk ghar-ragunijiet kollha hawn indikati t-talba numru

1 fl-istess rikors qed tigi michuda ghaliex manifestament infondata.

Illi dwar it-tieni aggravju dan huwa fis-sens li s-socjeta’ Int Med Plastering Limited ma hijiex il-legittmu kontradittur peress li qed tallega li l-mejjet Marwan Mohamed Mossa Abdelaati ma kienx impjegat tal-istess meta miet fit-18 ta’ Dicembru 2006. Anzi l-istess rikorrenti jghidu li l-istess *decuius* kien jahdem mas-socjeta’ l-ohra rikorrenti Mediterranean Building Finishes Limited.

Illi f’dan l-istadju ta’ *prima facie* din il-Qorti ma tistax tilqa’ lanqas dan l-aggravju u dan peress li dan fuq kollox jikkontrasta ma’ dak li kien xehed fl-inkjesta magisterjali konsegwenza tal-incident imsemmi kondotta mill-Perit Richard Aquilina nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Mizzi, l-istess Kevin Camilleri bhala direttur tas-socjeta’ Int Med Plastering Limited, fejn fid-9 ta’ Jannar 2007 kien qal li l-mejjet hawn indikat kien f’dak iz-zmien jahdem mieghu u f’dan il-kuntest kien inhareg *pass* fl-4 ta’ Dicembru. Li inghat din ix-xhieda ma hijiex kontestata mill-istess socjetajiet rikorrenti u fil-fatt Kevin Camilleri kkonferma li xehed hekk fis-seduta quddiem din il-Qorti datata 11 ta’ Ottubru 2007, u jidher li fl-istess xhieda kull ma qed jaghmel huwa li setgha min kiteb ix-xhieda ha zball ghaliex huwa direttur kemm taz-zewg socjatijiet rikorrenti, u fil-fatt qed jghid illum li l-mejjet kien impjegat mas-socjeta’ Mediterranean Building Finishes Limited, haga li f’dan l-istadju u fil-grad ta’ *prima facie* ma tirrizultax mill-atti odjerni.  Ovvjament l-ezami li jsir fil-mertu huwa mod iehor izda dan jibqa’ riservat ghal dik li hija l-kawza pendenti bejn il-partijiet odjerni. L-istess xhud esebixxa bhala Dok. “KC 1” *Schedule* ta’ *Employers Liability Insurance* izda certament li din lanqas tipprova l-allegazzjonijiet odjerni tieghu u dan peress li l-assigurati huma z-zewg socjetajiet rikorrenti u is-socjeta’ International Plastering Limited. Barra minn dan l-istess intimata sostniet li l-*pass* li kien inhareg lill-mejjet kien inhareg proprju mis-socjeta’ Int Med Plastering Limited, dokument li jidher li gie esebit fl-istess inkjesta magisterjali u dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni fl-atti odjerni mis-socjetajiet rikorrenti u wisq inqas prova kontrarja. Fl-

ahharnett id-Dok. “A1” anness mar-rikors odjern lanqas iwassal sabiex tintlaqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif kontenuta fit-talba numru 2 ta’ l-istess rikors u dan ghaliex l-istess dokument mahrug mill-ETC jirreferi ghas-sitwazzjoni tal-10 ta’ Settembru 2007 u dan meta l-incident fatali mertu tal-kawza bejn il-partijiet sehh fit-18 ta’ Dicembru 2006.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li f’dan l-istadju u *in vista* ta’ dak premess ma jezistux ir-rekwiziti sabiex tali mandat kawtelatorju jigi revokat fil-konfront tas-socjeta’ hemm indikata u dan peress li certament minn dak li inghad l-elementi rikjesti fl-**artikolu 836 (1) (f) tal-Kap 12** ma gewx sodisfatti mill-istess rikorrenti tant li ma giex ippruvat li hemm cirkostanzi li juru li ma jkunx ragonevoli li l-istess att kawtelatorju jinzamm fis-sehh *in toto* jew *in parte* jew li l-istess att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet kollha hawn indikati t-talba numru 2 fl-istess rikors qed tigi michuda ghaliex infondata.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ n-nota ta’ l-intimata *nomine* datata 11 ta’ Ottubru 2007 in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti fir-rikors taghhom datat l-1 ta’ Ottubru 2007** minhabba li huma infondati fil-fatt u fid-dritt fis-sens hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet rikorrenti Int Med Plastering Limited u Mediterranean Building Finishes Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------